



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 8 ta' Novembru 2013  
(OR. en)**

**15519/13  
ADD 1**

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2012/0337 (COD)**

---

---

**CODEC 2416  
ENV 994  
DEVGEN 275  
ECO 193  
SAN 419  
PECHE 489  
AGRI 708  
IND 300  
CHIMIE 113  
ENER 491  
RECH 492  
TRANS 552**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                 |
|----------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                   |
| Suġġett: | Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020<br>"Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" <b>(l-ewwel qari)</b><br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv <b>(AL + D)</b><br>= Dikjarazzjonijiet |

---

### **Dikjarazzjoni minn Malta, ir-Renju Unit, is-Slovenja u Ċipru**

'Fl-ispiritu ta' kompromess, Malta, ir-Renju Unit, is-Slovenja u Ċipru jistgħu jaċċettaw il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari adottata fl-24 ta' Ottubru 2013 rigward il-proposta dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Nġixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna", sa fejn din tirrifletti l-eżitu tat-trilogu informali tad-19 ta' Ġunju 2013, li sussegwentement ġiet approvata mill-Coreper fis-26 ta' Ġunju 2013.

Madankollu, Malta, ir-Renju Unit, is-Slovenja u Ċipru għadhom imħassba fir-rigward tar-referenzi għall-istabbiliment ta' miri dwar l-użu tal-art li jinsabu fil-paragrafi 25 u 28(vi) tal-Anness. L-istabbiliment ta' objettivi ewlenin għall-użu tal-art qed jiġu diskussi fil-kuntest tal-portafolli dwar il-Koeżjoni Territorjali u l-Iżvilupp Urban. Malta, ir-Renju Unit, is-Slovenja u Ċipru jemmnu li l-applikazzjoni ta' tali miri għandha tibqa' l-prerograttiva tal-Istati Membri bil-ħsieb tal-ispeċifità u d-diversità tat-territorji.'

### **Dikjarazzjoni mill-Awstrija, il-Pajjiżi l-Baxxi, Franza, il-Ġermanja, ir-Renju Unit u Malta**

"Mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2010 'l quddiem, l-Awstrija, il-Pajjiżi l-Baxxi, Franza, il-Ġermanja, ir-Renju Unit u Malta kienu fost dawk l-Istati Membri li ħeġġew lill-Kummissjoni Ewropea tfassal is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali (is-Seba' EAP). L-Awstrija, il-Pajjiżi l-Baxxi, Franza, il-Ġermanja, ir-Renju Unit u Malta pproponew ukoll titjib differenti għat-test u dejjem urew l-akbar flessibilità. Madankollu, l-Awstrija, il-Pajjiżi l-Baxxi, Franza, il-Ġermanja, ir-Renju Unit u Malta jibqgħu tal-fehma li l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Qafas għall-Protezzjoni tal-Ħamrija u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE kif imressqa mill-Kummissjoni Ewropea fl-2006 ma tirrappreżentax strument proporzjonat, adegwat u li jħares 'il quddiem għall-protezzjoni tal-ħamrija fil-livell tal-UE.

L-approċċi nazzjonali jew reġjonali bil-għan tal-protezzjoni tal-ħamrija jvarjaw ħafna minħabba tendenzi differenzjati tal-agrikoltura, il-forestrija u l-użu tal-art. Minkejja l-livelli li jvarjaw fl-UE kollha, diġà sar progress biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ħamrija, inklużi l-identifikazzjoni ta' sit kontaminat u l-iżvilupp ta' sistemi ta' monitoraġġ. Għandha ssir enfasi fuq it-tisħiħ ta' dawn l-isforzi bl-iskambju tal-aħjar eżempji ta' prassi u aktar żvilupp tal-linji gwida, b'kont meħud bis-sħiħ tad-differenzi reġjonali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà."

### **Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u l-Polonja**

Ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u l-Polonja mhumieq f'pożizzjoni li jallinjaw ruħhom mal-formulazzjoni tal-paragrafu 33 tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm ġenerali ta' azzjoni ambjentali tal-Unjoni Ewropea sal-2020 dwar il-klima tal-UE u l-qafas tal-enerġija wara l-2020, li jiddikjara li jeħtieġ li l-UE tipprovdi "qafas u objettiv(i) ċari u legalment vinkolanti biex jagħmlu l-investimenti meħtieġa fuq medda ta' żmien medju u fit-tul, fit-tnaqqis tal-emissjonijiet, fl-effiċjenza enerġetika u fl-enerġija rinnovabbli. Għalhekk jeħtieġ li l-Unjoni tqis l-alternattivi ta' politika biex twettaq il-qalba lejn ekonomija b'użu baxx tal-karbonju b'mod gradwali u kosteffettiv, filwaqt li tqis l-istadji indikattivi stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali għal Ekonomija b'Livelli Baxxi ta' Karbonju sal-2050, li għandu jservi bħala bażi għal aktar ħidma. Il-Green Paper dwar qafas għall-politiki dwar il-klima u l-enerġija għall-2030<sup>1</sup> tirrappreżenta pass importanti f'dan ir-rigward."

Skont ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u l-Polonja din il-formulazzjoni mhix konsistenti mal-paragrafu 4 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013, li jgħidu li l-Kunsill Ewropew irriżerva d-dritt li jiddiskuti u jiddeċiedi dwar l-għażliet ta' politika differenti. Il-konklużjonijiet jiddikjaraw biċ-ċar li "l-Kunsill Ewropew jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar qafas għall-politika dwar il-klima u l-enerġija għall-2030 u ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni f'Marzu 2014 wara li l-Kummissjoni tippreżenta proposti aktar konkreti u l-Kunsill ikun iddiskuta l-għażliet ta' politika f'dak ir-rigward"

---

<sup>1</sup> COM(2013)0169.

Ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u l-Polonja jirrikonoxxu l-importanza tal-Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020, iżda madankollu l-ebda objettiv ta' prijarità stabbilit fil-programm m'għandu jippreġudika l-eżitu ta' negozjati kontinwi u futuri dwar l-enerġija u l-politika dwar il-klima tal-UE.

### **Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**

"L-objettivi ta' prijarità stabbiliti fil-programm ta' azzjoni ġenerali attwali huma bla preġudizzju għan-negozjati futuri tal-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawk l-objettivi. Kwalunkwe miżura jew modifika ġdida għall-oqfsa legali eżistenti għandha titqies fil-konfigurazzjoni adatta tal-Kunsill u adottata skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat."

---